

# Sehem l-Għannejja fil-Festa

**Anthony Fenech**

Għeżież ħbiebna tal-Mellieħa
Ġejna fostkom biex flimkien
Ngħannu l-għana li tant tħobbu
Kif għannejna għal bosta żmien.

L-għana tagħna jferraħ bosta
Sew Maltin u kemm Għawdxin
Li bi ħġarhom tara għall-festa
Jiddevertu ferħanin!

Xħin man-noti tal-kitarri
Spirtu pront mill-anqas ħin
Ngħannu għanja wara l-oħra
Waqt li ninku lil xulxin.

Il-każini ta' dar-raħal
Lill-Bambina jagħtu ġieħ
Taħt is-sur qrib is-Santwarju
Wara l-knisja wkoll tarana.

F'jum il-festa fit-triqat
Tisma' l-marċi għaddejjin
Fost bandieri u bandalori
Pavaljuni mdendlin.

Jum twelid ommna Marija
Iħabbru l-qniepen mill-kampnari
Malta rebħet l-għadu mislem
Jum mill-kbar, Jum Nazzjonali!

Fil-pjazez lejliet il-festa
Ħafna nies jiftħu l-aptit
Wara l-ħruq taġ-ġiġġifogu
Ikla fniek u xarba nbid!

Tkun dik lejla mistennija
Mill-eluf u f'dak il-waqt
Xħin il-knisja ssir mixgħela
B'dawl u nar mekkanizzat!

Kif mill-pjazza n-nies titferrex
Xi wħud jersqu jduru magħna
Biex mil-lejl sa sbieħ filgħodu
Jisimgħu l-għana tagħna.

Għax dan l-għana tradizzjoni
Għalhekk għandu jibqa' mfakkar
U kull sena wara l-oħra
F'kull programm xieraq jitħabbar.

Għeżież ħutna Melleħin
Xewqitna tibqa' mixtieqa
Li kull sena niġu ngħannu
Wara l-knisja tal-Mellieħa.

F'dan il-post tant popolari
Kienu jgħannu x-xjuħ tagħna
Ikun xieraq illi nfakkru
Lil min qiegħed illum jismagħna!

Fl-aħħar nett tislima nagħtu
Lil kull min jitgħaxxaq bina
Viva l-festa tal-Vitorja
Viva Marija Bambina

## Nota tal-Editur

Din il-poeżija nkitbet mill-awtur bl-iskop li mill-ġdid titqajjem it-tradizzjoni antika tal-għana fil-festa tal-Vitorja fil-Mellieħa. Għalhekk bix-xieraq li dan l-appell jinstema' minn min tassew jixtieq li jkabbar il-festa tar-raħal.